IT-TALBA "ANIMA CHRISTI"

X'INHI L-ORIGINI U T-TIFSIRA TA' DIN IT-TALBA LI SPISS TINGHAD WARA T-TQARBIN?

It-talba Anima Christi hija talba medjovali ndirizzata lil Kristu. Is-sekwenza tas-sentenzi ta' l-Anima Christi ghandhom rabta kbira ma' hsibijiet u twemmin Kattoliku li jirrelataw ma' l-Ewkaristija, il-Maghmudija u l-Passjoni ta' Kristu. Hija tassew talba li centru taghha hu Kristu.

Originarjament kienet attribwita lil San Injazju minn Loyola li nkludiha fl-Ezercizi Spiritwali. Dan hu zball ghaliex kif juru bosta kittieba din it-talba tidher f'manuskritti li kienu miktuba 100 sena qabel twelid Injazju (1491). Wiehed minn dawn James Mearns, sab din it-talba f'manuskritt gewwa il-Muzew Brittanniku u tmur lura lejn madwar is-sena 1370.

Fil-librerija ta' Avignon hemm ktieb ta' talb tal-Kardinal Peter De Luxembourg li miet fis-sena 1387 u li fih it-talba Anima Christi miktuba pratikament fil-forma li tezisiti llum.

Tinsab ukoll inciza f'wahda mill-bibien ta' Alcazar ta' Seville li jgibna lejn iz-zmien ta' Don Pedro maghruf bhala l-kattiv (1350 1369).

Fi zmien Sant'Injazju din it-talba kienet tant popolari.

It-test Latin ta' din it-talba hu dan li gej:

Anima Christi, sanctifica me.

Corpus Christi, salva me.

Sanguis Christi, inebria me.

Aqua lateris Christi, lava me.

Passio Christi, conforta me.

O bone Jesu, exaudi me.

Intra tua vulnera absconde me.

Ne permittas me separari a te.

Ab hoste maligno defende me.

In hora mortis meae voca me.

Et iube me venire ad te,

Ut cum Sanctis tuis laudem te.

In saecula saeculorum.

Maqluba ghal Malti:

Ruh ta' Kristu qaddisni

Gisem ta' Kristu salvani

Demm ta' Kristu ferrahni

Ilma tal-Kustat ta' Kristu ahsilni

Passjoni ta' Kristu sabbarni

O Gesu hanin ismaghni

Fil-pjagi tieghek ahbini

Thallinix ninfired minnek

Mill-ghadu hazin harisni

Fis-siegha ta' mewti sejjahli

Gewwa hdanek ilqaghni

Biex ma' l-angli u l-qaddisin tieghek

infahhrek u nroddlok hajr ghal dejjem.

Din it-talba tant maghrufa u recitata tmur lura lejn l-14 il-seklu u x'aktarx inkitbet mill-Papa Giovanni XXII. Biss l-awtur taghha jibqa' mhux maghruf. Tiehu isimha milll-ewwel zewg kelmiet tat-talba Anima Christi – Ruh ta' Kristu.

It-talba Anima Christi hija rikka fl-immaginazzjoni u tghinna biex nidhlu fil-qalba tal-petizzjonijiet taghna biex inkunu haga wahda ma' Kristu u ruhu tkun mezz biex nippurifikaw lilna nnfusna u nitqaddsu.



Il-Gisem ta' Kristu huwa l-Hobz tal-Hajja ghas-salvazzjoni taghna. Ahna ma nircevux simbolu meta nitqarbnu, izda tassew il-Gisem u d-Demm tieghu.

It-talba tfakkarna wkoll fil-passjoni ta' Kristu fejn wiehed mis-suldati jiftah il-kustat ta' Kristu u minnufih hareg demm u ilma. Ahna li konna mghammda bl-ilma tal-Maghmudija meta rcevejna d-don tal-fidi, issa ninsabu mghaddsa fl-ilma tal-passjoni tieghu biex nindafu minn htijietna.

Nissahhu fl-ispirtu meta nahsbu fuq it-tbatijiet ta' Kristu li qieghed biex jghinna ngorru s-sofferenzi taghna ma' tieghu ghall-mahfra ta' dnubietna u s-salvazzjoni taghna.

Meta nahsbu fuq il-pjagi tal-Mulej taghna Gesu' niftakru li dawn huma s-sinjali li ghalihom infethu l-ghejjun tal-hajja.

Hekk kif it-talba tkompli ahna nitolbu lil Kristu jzomm harstu fuqna ghax meta nitbieghdu minnu inkun qed nitbieghu mill-imhabba tieghu u

s-salvazzjoni u naghmlu minn ruhna mira ghax-xitan, li ghalih hemm riferenza – mill-ghadu hazin harisna.

Fuq l-istess linja, ir-riferenza s-siegha ta' mewtna turina kemm hu mportanti li nipperseveraw fit-talb u opri tajba ohra sabiex naslu ghall-premju etern. Is-siegha ta' mewtna hija mohbija ghal kulhadd.

It-tmiem tat-talba johodna ghall-mument fejn fih nuru x-xewqa taghna li nkunu ghal dejjem ma' Kristu biex infahhruh ma' l-angli u l-qaddisin tieghu.

San Pawl jitkellem mill-genna hekk: La ghajn qatt ma rat, la widna qatt ma semghet x'lesta Alla ghal dawk li jhobbuh. Tista' timmagina xi haga isbah mill-kumpannija ta' Gesu' u l-Qaddisin tieghu ghal dejjem?